DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 117/2009

tat-22 ta' Ottubru 2009

li temenda l-Protokoll 21 (Dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 21 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), kif korrett mill-ĠU L 172, 6.5.2004, p. 9, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1792/2006 tat-23 ta' Ottubru 2006 li jadotta ċerti regolamenti u deċiżjonijiet fl-oqsma tal-moviment liberu ta' merkanzija, il-moviment liberu ta' persuni, politika dwar il-kompetizzjoni, agrikoltura (leġiżlazzjoni veterinarja u fitosanitarja), sajd, politika dwar it-trasport, tassazzjoni, statistika, politika soċjali u impjieg, ambjent, unjoni doganali, u relazzjonijiet esterni għar-raġunijiet tal-adeżjoni tal-Bulgarija u Rumanija ([3]) ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 u teħtieġ li tiġi miżjuda bħala inċiż tar-Regolament (KE) Nru 802/2004.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2008 tal-20 ta' Ottubru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 802/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 802/2004 jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 447/98 ([5]) li hu inkorporat fil-Ftehim u għalhekk għandu jitħassar taħt il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

It-test fil-punt 2 (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 447/98) tal-Artikolu 3(1) tal-Protokoll 21 tal-Ftehim għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**32004 R 0802:** Ir-Regolamenttal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 tas-7 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU L 133, 30.4.2004, p. 1), kif korrett fil-ĠU L 172, 6.5.2004, p. 9, kif emendat b':

— **32006 R 1792:** ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1792/2006 tat-23 ta' Ottubru 2006 (ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1).

— **32008 R 1033:** ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2008 tal-20 ta' Ottubru 2008 (ĠU L 279, 22.10.2008, p. 3)."

([1]) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 133, 30.4.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 279, 22.10.2008, p. 3.
([5]) ĠU L 61, 2.3.1998, p. 1.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 802/2004, kif korretti mill-ĠU L 172, 6.5.2004, p. 9, u Nru 1033/2008 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-23 ta' Ottubru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.